# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tas-17 ta' Diċembru 2013
## li taħtar membru Ġermaniż fil-Kumitat tar-Reġjuni
(2013/773/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Ġermaniż,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Diċembru 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet 2009/1014/UE [1] u 2010/29/UE [2] li jaħtru l-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2010 sal-25 ta' Jannar 2015.

(2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sinjura Emilia MÜLLER, sar vakanti siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Huwa b'dan maħtur membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2015:

— Dr Beate MERK, *Bayerische Staatsministerin für Europaangelegenheiten und regionale Beziehungen.*

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
L. LINKEVIČIUS

---

[1] ĠU L 348, 29.12.2009, p. 22.
[2] ĠU L 12, 19.1.2010, p. 11.